



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

In-Numru tan-Notifika : 2018/0022/IRL (Ireland)

Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol) 2015 (safejn jirrigwarda t-3 speċifikazzjonijet addizzjonali għall-punt ta' tibdil tat-tikkettar, ir-reklamar u x-xandir).

Data tal-wasla : 19/01/2018

Tmiem tal-Waqfien : 20/04/2018 (20/07/2018) (closed)

Message

Messaġġ 002

Komunika mill-Kummissjoni - TRIS/(2018) 00131

Direttiva (UE) 2015/1535

Traduzzjoni tal-messaġġ 001

Notifika: 2018/0022/IRL

No abre el plazo - Nezahajuje odklady - Fristerne indledes ikke - Kein Fristbeginn - Viivituste periodi ei avata - Καμμία έναρξη προθεσμίας - Does not open the delays - N'ouvre pas de délais - Non fa decorrere la mora - Neietekmē atlikšanu - Atidėjimai nepradedami - Nem nyitja meg a késéket - Ma' jiftaħ il-perijodi ta' dawmien - Geen termijnbegin - Nie otwiera opóźnień - Não inicia o prazo - Neotvorí oneskorenia - Ne uvaja zamud - Määräaika ei ala tästä - Inleder ingen frist - He ce предвижда период на прекъсване - Nu deschide perioadele de stagnare - Nu deschide perioadele de stagnare.

(MSG: 201800131.MT)

1. MSG 002 IND 2018 0022 IRL MT 19-01-2018 IRL NOTIF

2. IRL

3A. National Standards Authority of Ireland

1 Swift Square

Northwood

Santry

Dublin 9

D09 A0E4

Ireland

Tel: 00 353 (0)1 807 3854

Email: EUDirective2015.1535@nsai.ie

3B. Tobacco and Alcohol Control Unit

Room 4.13

Department of Health

Hawkins House

Hawkins Street

Dublin 2

4. 2018/0022/IRL - C50A

5. Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol) 2015 (safejn jirrigwarda t-3 speċifikazzjonijet addizzjonali għall-punt ta' tibdil tat-tikkettar, ir-reklamar u x-xandir).



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

6. Id-dispożizzjonijiet tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol) notifikati jirrigwardaw 3 speċifikazzjonijiet addizzjonali:

- (i) I-inklużjoni ta' twissija addizzjonali dwar is-saħħa għall-prodotti tal-alkoħol u fir-reklami għall-prodotti tal-alkoħol. It-test tat-twissija huwa "twissija maħsuba biex tinforma lill-pubbliku bil-konnessjoni diretta bejn l-alkoħol u kanċers fatali".
- (ii) speċifikazzjoni tal-proporzjon minimu ta' materjal stampat li għandu jingħata għal twissija dwar is-saħħa. Id-dispożizzjoni eżistenti tipprevedi li l-Ministru jista' jippreskrivi l-formola ta' twissija inkluż id-daqs u l-lewn tagħha u d-daqs, il-lewn u t-tip ta' font tal-materjal stampat fuq it-twissija. L-emenda tkompli li "fejn tal-inqas terz tal-materjal stampat jiġi pprovdut għal twissijiet dwar is-saħħa bbażati fuq l-evidenza". Meta jsiru dawn ir-Regolamenti, jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'forma ta' abbozz.
- (iii) I-introduzzjoni ta' punt ta' tibdil fix-xandir għar-reklami għall-prodotti tal-alkoħol. It-test ta' dan huwa dan li ġej "persuna m'għandhiex ixxandar, jew tikkawża li jixxandar, reklam għal prodott tal-alkoħol fuq servizz ta' programm televiżiv bejn is-sigħat tat-3.00 a.m. u d-9.00 p.m. Persuna m'għandhiex ixxandar, jew tikkawża li jixxandar, reklam għal prodott tal-alkoħol fuq servizzi tax-xandir tal-ħoss f'jum ferjali bejn is-sigħat ta' nofs il-lejl u l-10.00 a.m., jew it-3.00 p.m. u nofs il-lejl."

7. - Direttiva 2000/13/KE dwar it-tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel

8. 3. speċifikazzjonijiet addizzjonali nnotifikati:

It-tikketti fuq il-prodotti tal-alkoħol, is-siti web fejn l-alkoħol jinbiegħ onlajn, u d-dokumenti ma' kontenituri żgħar jew bittiji jridu jinkludu t-twissija tas-saħħa addizzjonali dwar il-kanċer. It-test tat-twissija dwar is-saħħa huwa "twissija maħsuba biex tinforma lill-pubbliku bil-konnessjoni diretta bejn l-alkoħol u kanċers fatali". (Taqsim 2 tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol))

Minbarra dan, qed jiġi speċifikat proporzjon minimu tal-materjal stampat għat-twissijiet dwar is-saħħa. Id-dispożizzjoni eżistenti tipprevedi li l-Ministru jista' jippreskrivi l-formola ta' twissija inkluż id-daqs u l-lewn tagħha u d-daqs, il-lewn u t-tip ta' font tal-materjal stampat fuq it-twissija. L-emenda tkompli tgħid li "fejn tal-inqas terz tal-materjal stampat jiġi pprovdut għal twissijiet dwar is-saħħa bbażati fuq l-evidenza". Meta jsiru dawn ir-Regolamenti, jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'forma ta' abbozz. (Taqsim 12 tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol)).

Ir-reklami jkollhom jinkludu wkoll it-twissija tas-saħħa addizzjonali dwar il-kanċer. It-test tat-twissija dwar is-saħħa li għandu jiġi inkluż huwa "twissija maħsuba biex tinforma lill-pubbliku bil-konnessjoni diretta bejn l-alkoħol u kanċers fatali". (Taqsim 13 tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol))

Ir-reklami tax-xandir għall-prodotti tal-alkoħol jiġu ristretti għal ħinijiet speċifikati bbażati fuq il-ħinijiet tal-wiri u tas-smiegħ tat-tfal. It-test ta' dan huwa dan li ġej "persuna m'għandhiex ixxandar, jew tikkawża li jixxandar, reklam għal prodott tal-alkoħol fuq servizz ta' programm televiżiv bejn is-sigħat tat-3.00 a.m. u d-9.00 p.m. Persuna m'għandhiex ixxandar, jew tikkawża li jixxandar, reklam għal prodott tal-alkoħol fuq servizzi tax-xandir tal-ħoss f'jum ferjali bejn is-sigħat ta' nofs il-lejl u l-10.00 a.m., jew it-3.00 p.m. u nofs il-lejl. (Taqsim 19 tal-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol)).

9. L-Abbozz ta' Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol) għandu l-għan li jnaqqas il-konsum tal-alkoħol fl-Irlanda għal 9.1 litri kull persuna kull sena sal-2020, u li jnaqqas il-ħsarat assoċjati mal-alkoħol.

Dispożizzjoni dwar it-twissijiet dwar il-kanċer:

Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għat-Tnaqqis tal-Użu Dannuż tal-Alkoħol (2012-2020) jirrakkomanda li jittieħdu miżuri għall-introduzzjoni ta' sensiela ta' twissijiet jew informazzjoni fuq tikketti fuq il-kontenituri kollha tax-xorb alkoħoliku.

Teżisti evidenza ċara li l-alkoħol jikkawża l-kanċer u li teżisti kawżalità diretta bejn ċerti tipi ta' kanċers fatali u l-użu ħażin tal-alkoħol. Fl-2007, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer ikkonkludiet li l-alkoħol jista' jiġi kklassifikat



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

bħala karċinoġenu għall-bnedmin. Skont ir-Rapport tal-Bord tar-Riċerka dwar is-Saħħa, l-“Alkoħol fl-Irlanda”, teżisti kawżalità bejn l-alkoħol u ċerti tipi ta’ kanċers: il-kanċer tal-ħalq, tal-gerżuma, tal-larinġi, tal-osefagu, tal-fwied, tal-imsaren u l-kanċer tas-sider fin-nisa.

Effettivament, l-alkoħol jiġi kkonvertit mill-ġisem tagħna f’sustanza kimika tossika (l-aċetaldeide) li tista’ tikkawża l-kanċer billi tagħmel ħsara lid-DNA tagħna u min-naħa l-oħra tipprevjeni li ċ-ċelloli jsewwu din il-ħsara. L-alkoħol jista’ jżid ukoll il-livelli tal-ormoni bħall-estroġenu li jżid ir-riskju tal-kanċer tas-sider

L-alkoħol huwa responsabbli għal 1 minn 8 kanċers tas-sider fl-Irlanda. Mis-6,601 każ ta’ nisa li mietu mill-kanċer tas-sider, 10.5 % kienu attribwibbli għall-alkoħol. Kull sena fl-Irlanda 900 persuna jiġu dijanjostikati b’kanċers relatati mal-alkoħol u madwar 500 persuna jmutu minn dan il-mard.

Il-kanċers kollha relatati mal-alkoħol juru evidenza ta’ relazzjoni bejn id-doża u r-reazzjoni. It-tendenzi fix-xorb għandhom l-impatt tagħhom u x-xorb episodiku jew ix-xorb bla rażan iżid b’mod sinifikanti r-riskji ta’ kanċer. Skont rapport reċenti tal-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika, instab li fl-2014 l-Irlanda kellha l-ogħla rata ta’ xorb bla rażan episodiku fl-UE. Ix-xorb bla rażan episodiku huwa ddefinit bħala l-konsum ta’ ekwivalenti ta’ 6 xarbiet f’okkażjoni waħda.

Fil-każ ta’ kanċer tas-sider, skont studju tal-Università ta’ Harvard li kien jinvolvi 320 000 mara instab li żewġ xarbiet jew iżjed kuljum iżidu l-possibilitajiet li jiġi żviluppat kanċer tas-sider bi 43 % , u dan jikkostitwixxi żieda ta’ riskju allarmanti.

L-alkoħol huwa wieħed mill-aktar kawżiet li jista’ jiġi prevenut ta’ kanċer wara t-tipjip. L-unika mod li bih jista’ jitnaqqas ir-riskju ta’ kanċer relatat mal-alkoħol huwa li nibdlu l-mod li bih nixorbu u kemm nixorbu. L-ewwel pass biex nilħqu dan l-għan huwa li jżied l-għarfien pubbliku dwar il-konnessjoni bejn il-konsum ta’ alkoħol u l-kanċer. Din it-twissija addizzjonali tiżgura li l-persuni jsiru konxji mir-riskji tal-kanċer, fost riskji assoċjati oħrajn konnessi mal-konsum tal-alkoħol.

Dispożizzjoni ta’ punt ta’ tibdil fix-xandir:

Il-ġurnal mediku tar-Renju Unit, “The Lancet” iddikjara f’artiklu ta’ April 2017, li l-“evidenza l-iktar qawwija għall-impatt tar-reklamar fuq il-konsum ta’ alkoħol tiġi mill-analiżi ta’ studji lonġitudinali u ta’ koorti li josservaw lit-tfal. Dawn l-istudji jirrapurtaw b’mod konsistenti li l-espożizzjoni għar-reklamar tal-alkoħol hija assoċjata ma’ żieda fil-probabbiltà li t-tfal jibdeu jixorbu jew li jixorbu kwantitajiet ikbar jekk diġà jkunu jagħmlu dan.”

Riċerka tal-2006 dwar l-Effetti tal-Espożizzjoni għar-Reklamar tal-Alkoħol fuq ix-Xorb Fost iż-Żgħażaġħ uriet li għal kull reklam addizzjonali li persuna żagħżuġha tkun rat ‘il fuq mill-medja ta’ żagħżuġħ ta’ kull xahar ta’ 23, huwa jew hija xorbu 1 % iktar alkoħol.

Fl-Istudju Irlandiż dwar l-Imġiba fil-Qasam tas-Saħħa fost it-Tfal tal-Età tal-Iskola tal-2014 wieħed minn ħamest itfal Irlandiżi rrapportaw li kienu ħadu xarba alkoħolika fl-aħħar 30 jum u wieħed minn 10 itfal irrapportaw li kienu fis-sakra fl-aħħar 30 jum.

Fil-Proġett Ewropew ta’ Stħarriġ fl-Iskejjeġel dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn l-iktar reċenti, instab li 7 minn 10 żagħżuġħ Irlandiżi tal-età ta’ bejn 15 u 16-il sena diġà kienu xorbu xi alkoħol u iktar minn 3 minn 10 kienu fis-saqkra fil-passat. L-istess stħarriġ sab li kwart tat-tfaliet Irlandiżi u kważi wieħed minn kull ħames subien Irlandiżi rrapportaw li kienu sfaw midruba jew kienu involuti f’inċident minħabba l-alkoħol.

It-tfal u ż-żgħażaġħ Irlandiżi jiġu esposti kontinwament għal stampi pożittivi u mingħajr riskji ta’ alkoħol u l-użu tiegħu. Is-sistema regolatorja attwali ma tipproteġix lit-tfal mill-espożizzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-alkoħol u dan in-nuqqas huwa assoċjat ma’ żieda fil-konsum. Il-punt ta’ bdil tax-xandir u dispożizzjonijiet oħrajn dwar ir-reklamar fl-Abbozz ta’ Liġi jkkostitwixxu tentattiv biex tinbidel din il-pożizzjoni.

10. Referenzi għat-Testi Bażiċi: (i) Abbozz ta’ Liġi dwar is-Saħħa Pubblika (Alkoħol) 2015



EUROPEAN COMMISSION

Directorate-General for Internal Market, Industry, Entrepreneurship and SMEs
Single Market Enforcement
Notification of Regulatory Barriers

<http://www.oireachtas.ie/documents/bills28/bills/2015/12015/b120b15s.pdf>

(ii) Il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għat-Tnaqqis tal-Użu Dannuż tal-Alkoħol (2012-2020)

http://www.euro.who.int/__data/assets/pdf_file/0008/178163/E96726.pdf

(iii) Stqarrija għall-istampa mill-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer

<https://www.iarc.fr/en/media-centre/pr/2007/pr175.html>

(iv) I-"Alkoħol fl-Irlanda" - Rapport mill-Bord tar-Riċerka dwar is-Saħħa

http://www.hrb.ie/uploads/tx_hrbpublications/Alcohol_in_Ireland_consumption_harm_cost_and_policy_response.pdf

(v) Rapport tal-Grupp ta' Tmexxija dwar l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Użu ta' Sustanzi 2012

http://health.gov.ie/wp-content/uploads/2014/03/Steering_Group_Report_NSMS.pdf

(vi) Analiżi tal-Impatt Regulatorju għall-Abbozz ta' Liġi

<http://health.gov.ie/wp-content/uploads/2015/12/Appendix-IV-Regulatory-Impact-Analysis-RIA-Alcohol.pdf>

It-Testi Bażiċi ntbagħtu fil-qafas ta' notifika preċedenti: 2016/42/IRL

11. Le

12. -

13. Le

14. Le

15. -

16. Aspett OTK

Iva

Aspett SPS

Le - L-abbozz mhuwiex miżura sanitarja jew fitosanitarja

Il-Kummissjoni Ewropea

Direttiva tal-Pont ta' kuntatt (UE) 2015/1535

Fax: +32 229 98043

email: grow-dir2015-1535-central@ec.europa.eu